# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEO TAŻ-ŻGĦAR 2002

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**It-Tieni Sena** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ________________________ Klassi: ________________

Istruzzjonijiet lill-Kandidati

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub:
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 7 | 23 | 5 | 8 | 8 | 29 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha :

### Għal Ħajja Aħjar

Pietru kien lest għal kollox meta ħalla r-razzett f'Għawdex. Hu ried jagħmel minn kollox biex jintrefa' mill-għaks li trabba fih. U rnexxielu. Fl-Awstralja daħal jaħdem mill-ewwel f'fabbrika taż-żraben u qatt ma falla ġurnata xogħol għalxejn. Kif kien jgħid huwa stess, fl-Awstralja sar nies. Ta' sitta u għoxrin sena ltaqa' ma' Carmen, tfajla Maltija, u żżewwiġha. Ftit wara kellhom l-uniku iben, Mark , li kien l-aħħar stilla biex is-suċċess ta' ħajjet Pietru jkun komplut. Pietru kien kiseb dak kollu li ħolom bih 'il bogħod mir-razzett u r-raba' ta' missieru u ommu. U, għalkemm iż-żmien għadda u Pietru qatt ma reġa' ra l-familja, kien jikkonsla li l-akbar sagrifiċċju ta' ħajtu ma kienx għalxejn. Ommu u missieru xtaqu jarawh ħafna fl-aħħar snin ta' ħajjithom, imma l-ewwel minħabba x-xogħol u mbagħad minħabba l-familja, Pietru ma kellux żmien li jitlaq mill-Awstralja għal ftit ġimgħat jew xhur. (par. 1)

Meta kitbitlu oħtu kienet qaltlu li missieru kien baqa' jaħdem ir-raba' sa dak in-nhar li miet. Pietru beka jiftakar lil missieru jikkumbatti man-natura, sajf u xitwa. Kien jitħassar lil imsejkna ommu, tqum kmieni u tinżel fil-maqjel tan-nagħaġ u l-mogħoż biex tagħlifhom u taħlibhom u tagħmel il-ġbejniet għal ftit soldi. Hu ma kienx hekk. Kien jaħdem bil-ħin, eżatt mit-tmienja ta' fil-għodu sa l-erbgħa u nofs; paga tajba kull ġimgħa u meta l-prinċipal jgħidlu biex jagħmel siegħa xogħol aktar, jitħallas sew tagħha. Il-ħajja tar-razzett minn tlugħ sa nżul ix-xemx ma kellha x'taqsam xejn mal-ħajja tiegħu fl-Awstralja, imfassla siegħa b'siegħa ma' l-arloġġ li la jimmarka minuta 'l quddiem u lanqas lura. (par. 2)



Wara dawk is-snin kollha, it-tifkira ta' dik il-ħajja f'dak ir-raħal f'Għawdex bdiet tiċċajpar u ssir bħal ħolma, b'waqtiet minnha jisfumaw għal kollox. Illum kien iħares b'ċerta nostalġija u jipprova jiftakar pass b'pass it-tarġiet li mill-għorfa ta' fuq kienu jwassluh f'intrata żgħira fuq naħa waħda b'wesgħat ta' silla tħammar u n-naħa l-oħra magħżuqa lesta għaż-żrigħ u jibqa' tiela' telgħa żgħira kollha ġebel b'żewġ firxiet ta' raba' oħra. Taħthom, fuq ix-xaqliba l-oħra, kien hemm biċċa art żgħira mdawra, minn naħa waħda b'ħajt tas-sejjieħ u min-naħa l-oħra b'ringiela qasab li kien ħawwel missieru biex għamel ħajt għar-riħ. Kien kiber u sar folt u kien ikennen l-imxietel tal-ħass u t-tadam mill-qilla tar-riħ. F'waħda mill-irkejjen kien hemm kaxxa biex in-naħal jagħmel l-għasel fiha. Ftit 'il hemm kien hemm nixxiegħa bl-ilma frisk. Kienet timla l-bir żgħir fil-ġenb tal-għalqa. Din l-istampa f'għajnejn Pietru kienet id-dinja ta' tfulitu. (par. 3)

(silta ta' Joe Axiaq meħuda minn *Spiralli* maħruġ mill-Għaqda Letterarja Maltija)

| A. | FEHIM IT-TEST | (7 marki) |
|---|---|---|

1. X'irnexxielu jagħmel Pietru hekk kif emigra lejn l-Awstralja? (par. 1)

_______________________________________________(1)

2. *l-akbar sagrifiċċju ta' ħajtu* (par. 1) X'kien dan is-sagrifiċċju ta' Pietru?

_______________________________________________(1)

3. F'5 linji oħroġ id-differenza tal-ħajja f'Għawdex bejn kif kienu jgħixu missier u omm Pietru u l-ħajja aħjar ta' Pietru meta mar l-Awstralja. (par. 2). ____________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(3)

4. Mit-3 paragrafu semmi 2 tifkiriet mit-tfulija ta' Pietru meta dan kien joqgħod Għawdex.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________(2)

| B. | GĦARFIEN IL-LINGWA | (23 marka) |
|---|---|---|

**(i) ANALIŻI TESTWALI**

1. Mill-1 paragrafu kif nafu li Pietru kien bniedem ħabrieki? ____________________

_______________________________________________(1)

2. Ikteb frażi li turina li ħajjet Pietru fl-Awstralja kienet mill-aqwa. (par. 1)

_______________________________________________(1)

3. It-tifkira ta' Pietru dwar Għawdex *bdiet tiċċajpar u ssir **bħal** ħolma*. (par. 3)
***bħal*** kif użata hawnhekk turi:

xebh ☐ negattiv ☐ (1)

**(ii) LESSIKU \ VOKABULARJU**

1. Agħti t-tifsira ta' dan il-kliem kif użat fit-2 paragrafu:

jikkumbatti - ______________________________

tagħlifhom - ______________________________ (2)

2. Mit-3 paragrafu ikteb il-kelma li turi lil Pietru jiftakar bi dwejjaq fil-passat ta' tfulitu.

__________________ (1)

**(iii) SINTASSI \ SENTENZI**

Qalleb u ikteb is-sentenza b'mod ieħor mingħajr ma tibdel is-sens:

1a. Meta kitbitlu oħtu kienet qaltlu li missieru kien baqa' jaħdem ir-raba' sa dak in-nhar li miet.

1b. ______________________________________________

______________________________________________ (1)

2a. Hu ried jagħmel minn kollox biex jintrefa' mill-għaks li trabba fih. (par. 1) Ibdel is-suġġett u flok **Hu** ikteb **Aħna**.

2b. ______________________________________________

______________________________________________ (1)

**(iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

Kompli s-sentenzi biex jagħmlu sens:

i. Pietru għandu ħajt**u** u huma għand_____ ħajjithom x'jgħixu. (1)

ii. Fil-fatt, Pietru mar għ_______ aħjar meta siefer. (1)

iii. Rajna _______ ('l, 'il, 'l-) Jane taqsam it-triq. (1)

iv. Ikteb kliem flok in-numru:

a. In-numru rebbieħ huwa 43. ________________________

b. Ta' 16 ________________________ sena Marija u Joe spiċċaw il-ħames sena tas-sekondarja.

ċ. Fost is-7 _______________ itfal, l-iżgħar kellha 3 _______________ snin (4)

v. Ikteb il-**Mamma** jew iz-**Zokk Morfemiku** tal-verbi fil-parentesi:

a. Meta (morna)__ - __ - __ l-Mellieħa għamlet ħafna xita.

b. Qabel, iktar mil-lum kienu (jemigraw) ____________ ħafna nies lejn l-Awstralja.(2)

vi. Ikteb il-verbi fil-vojt bl-għajnuna tal-Għerq jew taz-Zokk Morfemiku fil-parentesi:

a. Kemm (b – k – j) ______________ it-tfal meta (ġ – r – r) ________________ għal dar ġdida.

b. (q – għ – d) " ______________ f'kamritkom u (ċ – q – l – q) ______________ minn hemm," ordnatilhom ommhom.

ċ. Il-gwardjan lokali qagħad għassa biex il-ħaddiema ma (pparkja) ____________ fejn mhux suppost.

d. Lisa kienet diġà (tajp) ________________ il-karti kollha. (6)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (5 marki)

Fisser il-**Qwiel** u l-**idjomi** b'tipa skura:

1. Mario ma qabadx fin-negozju taż-żraben għax **in-negozju trid tkun ħażin għalih**.

_______________________________________________

_______________________________________________

2. L-omm kienet twissi 'l uliedha biex iż-żmien ma jaħluhx għax **iż-żmien għażiż ma jinxtarax**. _______________________________________________

3. Minħabba li Peter kien iħobb iħalli kollox għall-aħħar kien jispiċċa jagħmel kollox bil-għaġla biex ilaħħaq, iżda **L-għaġla qatt ma swiet flus**. ____________________

_______________________________________________

4. Lil Toni **Alla m'għamlu** hekk kif sieħbu, li kien kompliċi miegħu fis-serqa li wettqu, kien inqabad. _______________________________________________

5. Biex tirbaħ it-tiġrija griet **b'kemm kellha saħħa**. ______________________________

_______________________________________________

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Agħżel WAĦDA u ikteb madwar 7 linji

1. Immaġina li inti pulizija u waqaf turist jistaqsik biex tidderiġih għall-knisja tal-lokal mill-post fejn tinsabu bħalissa. Ikteb f'forma ta' paragrafu d-direzzjonijiet li trid tagħtih biex twasslu għall-post li jrid.

**JEW**

2. **Inti u l-ħabib\a tiegħek**. Għaliex għamiltu ħbieb? Ikteb dwar xi differenzi \ xebh li tara fil-karattri tagħkom.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

## E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI – SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA (8 marki)

F’madwar 7 linji ikteb dwar **WIEĦED** mill-personaġġi li fittixt dwaru din is-sena.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## F. LETTERATURA (29 marka)

**POEŻIJA – NADRIET 2**
(13 –il marka)

**Wieġeb mistoqsijiet A, B, Ċ**

A. **ĠEJJA X-XITA** ta’ Mary Meilak

Il-balluta lil xuxitha
Nokkli nokkli qed tagħmlilha,
F’dar in-nemel ma nafx x’ġara,
Fixla u għawġ donnu daħlilha

1. Din il-poeżija hija (tradizzjonali, moderna) ______________________ (1)
2. Il-poeżija hija mqassma fi strofi msejħa (terzini, kwartini) ______________ (1)
3. Liema versi qegħdin jirrimaw?______________________________ (1)
4. Din il-poeżija hija (deskrittiva, narrattiva) ______________________ (1)
5. Fi 3 linji ikteb dwar it-tema ta’ din il-poeżija.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

B. Joe Friggieri f’*Id-Dwejra* u Ġorġ Zammit f’*Gelmus* jagħtuna l-ħsibijiet tagħhom dwar dawn iż-żewġ lokalitajiet Għawdxin. Agħżel poeżija WAĦDA u ikteb dwarha f’ madwar 5 linji.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (5)

## Ċ. AKTAR NADRIET POETIĊI

| |
|---|
| Fil–Menqa – Ġorġ Peresso, Lejl tat-Tfulija – Ġorġ Borg, Settembru – Wallace Ph. Gulia, Il-Ħajt tas-sejjieħ – Rena Balzan, Sjesta Maltija – Kilin, Univers Ieħor – Dun Karm, Ġunju – Dun Karm, Marsaxlokk – Charles Flores |

Agħżel Poeżija WAĦDA. Għid għaliex għazilt lilha billi tirreferi għaliha u tikteb 3 linji dwarha.

Isem il-poeżija - ____________________ Isem il-poeta - ________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________ (2 marki)

**PROŻA**
(16 –il marka)

**Wieġeb il-mistoqsijiet A u B**

A. **Nies Bla Sabar** ta' Temi Zammit (8 marki)

Temi Zammi jeħodna miegħu fl-ambjent soċjali ta' Malta tal-passat permezz tal-karattri u r-rakkonti. Agħżel storja **WAĦDA** minn:
*Lukarda u l-Għadd tan-Nies, Aħlef u Għid is-Sewwa, Mhux Kull Ma Jleqq Deheb.*
Agħti tagħrif dwar din l-istorja f'madwar 7 linji.

B. **Ħolm tal-Milied?** ta' Trevor Żahra. Agħżel 1 jew 2 (8 marki)



1. F'madwar 7 linji irrakkonta dwar iż-żjara ta' Leli għand in-nanna Franġiska u z-zija Anni meta missieru u ommu kienu mistednin għand wieħed ħabib ta' missieru.

**JEW**



2. F'madwar 7 linji ikteb dwar Liża u x-xahar ta' Diċembru fl-istitut tas-sorijiet fejn kienet tgħix.

| Ġ. | **KOMPONIMENT** | (20 marka) |
|---|---|---|

Ikteb madwar 250 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata)

1. Fl-aħħar għaddiet sena skolastika oħra! Irrakkonta xi tifkiriet mis-sena skolastika li għadha kif intemmet.
2. Fejn tagħżel li toqgħod: f'raħal għall-kwiet jew f'belt storbjuża?
3. L-esperjenzi tan-nannu\a fid-dar tar-raħal fejn kien\kienet joqgħod\toqgħod fi tfulitu\ha.
4. Morna ġurnata Għawdex. X'ma nqalax dak in-nhar!
5. Jekk ma nibżgħux għall-ambjent naturali, nitilfuh. Iddiskuti.